



Brussell, 10 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5164/20

STAT 1
FIN 10

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14548/2/19 REV 2

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 13/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: hemm lok għal titjib"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE awditjati: hemm lok għal titjib", kif adottati mill-Kunsill fit-3741 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Diċembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 13/2019 intitolat "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: hemm lok għal titjib"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 13/2019 intitolat "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: hemm lok għal titjib";
2. JIRRIKONOXXI li l-analiżi u l-metodoloġija ġenerali wara l-"qafas ta' ġestjoni tal-integrità" tal-OECD u r-rakkomandazzjonijiet¹ tiegħu jikkostitwixxu gwida valida għall-istabbiliment ta' oqfsa etiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE;
3. JIRRIKONOXXI l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li, fil-biċċa l-kbira, l-istituzzjonijiet awditjati tal-UE (il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew) stabbilixxew oqfsa etiċi adegwati b'lok għal titjib f'ċerti oqsma;
4. JENFASIZZA l-importanza li jinżammu l-oġġetti standards professjonali possibbli fl-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġu stabbiliti oqfsa etiċi ambizzjużi u trasparenti biex iservu l-interessi tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti u effettiva tar-riżorsi disponibbli;
5. JAPPOĠĠA t-titjib ulterjuri tal-oqfsa armonizzati fi ħdan u bejn l-istituzzjonijiet awditjati tal-UE, abbażi ta' kooperazzjoni interistituzzjonali eqreb u l-iskambju tal-aħjar prattiki bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja fl-UE kollha kemm hi; dawn l-oqfsa jridu jakkomodaw ir-rwoli u l-ħtiġijiet partikolari tal-istituzzjonijiet;

¹ Ara f'dan ir-rigward ir-rapport tal-1998 "Recommendation of the OECD Council on Improving Ethical Conduct in the Public Service Including Principles for Managing Ethics in the Public Service", OECD/LEGAL/0298, in OECD, Trust in Government. Ethics measures in OECD Countries, Paris, 2000. OECD Recommendation on Public Integrity, Paris, 2017.

6. IQIS li r-Rapport Speċjali, minkejja l-ambitu limitat tiegħu u l-enfasi fuq l-istabbiliment ta' oqfsa etiċi xierqa pjuttost milli fuq l-implimentazzjoni tagħhom, jipprovdi referenza siewja għall-iżvilupp ta' oqfsa u strateġiji rilevanti għall-Awtoritajiet tal-Ħatra tal-UE madwar l-Unjoni, u b'hekk iwassal biex l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jikkontemplaw azzjonijiet lejn valuri, prinċipji u normi etiċi kondiviżi;
7. JISSOTTOLINJA li l-Membri tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-korpi preparatorji tal-Kunsill huma soġġetti għal regoli nazzjonali li jistabbilixxu oqfsa etiċi, u li ma hemm ebda raġuni għall-inklużjoni tagħhom fl-ambitu ta' qafas etiku komuni fil-livell tal-UE;
8. JIRRIKONOXXI
- (i) il-ħtieġa għal aktar konsistenza fl-oqfsa rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-UE, speċjalment fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni tal-persunal u kontabbiltà effettiva fil-livelli kollha, biex b'hekk tissaħħaħ kultura ta' integrità pubblika permezz ta' perċezzjoni ċara tal-oqfsa etiċi;
 - (ii) l-importanza li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għal rappurtar konsistenti u effettivi ta' irregolaritajiet;
 - (iii) il-ħtieġa għal rabtiet operazzjonali mill-qrib bejn is-servizzi maħtura mill-Awtoritajiet tal-Ħatra biex jindirizzaw imġiba mhux etika u bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, kif xieraq;
9. JESPRIMI L-INTENZJONI TIEGħU li jkompli fuq l-implimentazzjoni ta' oqfsa etiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE u JAPPELLA lill-Awtoritajiet tal-Ħatra tal-istituzzjonijiet rispettivi biex jikkunsidraw li jistabbilixxu strateġiji adatti, inkluż azzjonijiet immirati u mfassla apposta biex iqajmu kuxjenza fost il-persunal, kif ukoll monitoraġġ kontinwu u mekkaniżmi ta' awtokorrezzjoni;
10. JISTIEDEN lill-Awtoritajiet tal-Ħatra kollha biex jirriflettu dwar miżuri ulterjuri possibbli li jistgħu jkunu xierqa.